



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2009/2002(BUD)

6.8.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2010, Taqsima III - Kummissjoni
(2009/2002(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Peter Šťastný

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Parlament, bħala awtorità baġitarja, jimmonitorja l-użu tal-baġit tal-UE sabiex jissodisfa l-impenji tal-Kummissjoni, *inter alia* rigward l-Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA), l-Istrument tal-Pajjiżi Industrijalizzati (ICI), l-għajnuna marbuta mal-kummerċ u, b'mod partikolari, l-*Aid for Trade*;
2. Itenni li l-Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) għandha tkun suġġetta għal monitoraġġ strett u kundizzjonijiet billi l-UE ma tikkontrollax il-modi li bihom il-pajjiżi benefiċjarji jonfqu l-fondi ġenerali mhux assenjati tal-UE li jidħlu fil-baġit ġenerali tagħhom; jiddispijaci li l-MFA m'għandhiex bażi legali xierqa u qiegħda tkompli tistrieħ fuq deċiżjonijiet *ad hoc* tal-Kunsill għal kull operazzjoni; itenni l-ħtieġa ta' struttura ta' regolament ta' qafas ko-deċiż dwar l-MFA li jsaħħaħ it-trasparenza, ir-responsabilità, il-monitoraġġ u s-sistemi ta' rappurtaġġ;
3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tgħaddi lill-Parlament fi żmien xieraq l-informazzjoni dwar il-programmazzjoni tal-MFA u l-iskeda mistennija tal-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-MFA; jinsisti li l-Kunsill jistieden lill-Parlament sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-MFA permezz tal-"proċedura ta' urġenza" biss fil-każ li dan ikun assolutament meħtieġ u wara li tingħata ġustifikazzjoni xierqa;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, qabel it-tieni qari tal-Parlament, informazzjoni dettaljata (inklużi ċifri) dwar il-linji baġitarji li jintużaw għall-finanzjament tal-ICI (apparti l-linja baġitarja amministrattiva 19 01 04 08);
5. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, qabel it-tieni qari tal-Parlament, informazzjoni dettaljata (inklużi ċifri) dwar il-linji baġitarji li jintużaw għall-finanzjament tal-għajnuna marbuta mal-kummerċ u l-*Aid for Trade* (apparti l-linja baġitarja amministrattiva 20 02 03), u ċ-ċifri kollha rigward il-finanzjament tal-*Aid for Trade* mill-baġit tal-UE;
6. Jitlob lill-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bl-użu tal-fondi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) għall-promozzjoni tal-għajnuna marbuta mal-kummerċ u l-*Aid for Trade*, billi l-EDF għad mhuwiex inkluż fil-baġit tal-UE, minkejja talbiet imtennija min-naħa tal-Parlament;
7. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' ċarezza dwar kif se jkunu ffinanzjati l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs); jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni dettaljata dwar l-għajnuna finanzjarja li se tipprovi lill-pajjiżi tal-AKP biex jadattaw ruħhom għall-bidliet ekonomiċi li jsegwu l-iffirmar tal-EPAs;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex, wara kull sena finanzjarja, mill-aktar fis tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill rapport annwali li jevalwa l-implimentazzjoni fil-qasam tal-*Aid for Trade*, b'informazzjoni speċifika dwar l-istorja tal-miżuri li jkunu ġew iffinanzjati, l-involviment tas-sħab rilevanti, u l-implimentazzjoni tal-wegħdiet, tal-impenji u tal-ħlasijiet baġitarji, skont il-pajjiż, ir-reġjun u l-kategorija ta' għajnuna; jitlob li r-rapport

jevalwa wkoll il-progress li jkun sar fl-integrazzjoni tal-kummerç fil-programmi ta' għajnuna u r-riżultati miksuba bl-assistenza, billi jintużaw, sa fejn ikun possibbli, indikaturi speċifiċi li jistgħu jitkejlu tas-sehem tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-*Aid for Trade*;

9. Itejni li jinħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju konkret għat-trasferiment ta' teknoloġija marbuta mal-farmaċewtika u mal-bini tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-produzzjoni lokali tal-farmaċewtika fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, b'mod speċjali fil-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), fir-rispett tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 66(2) tal-Ftehma dwar l-Aspetti tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerç (TRIPS);
10. Jirrimarka li jinħtieġ li jiżdiedu l-fondi għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mard marbut mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie injorat, bil-parteċipazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati u inizjattivi oħra possibbli ta' finanzjament, u biex jiġu appoġġjati istituti tar-riċerka li huma lesti li jikkooperaw f'inizjattivi dwar is-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi u li jagħmlu riċerka u jiżviluppaw mediċina ta' rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.